# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' April 2008

## dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' l-aġenziji tal-ħlas tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja fir-rigward ta' l-infiq fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2007

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1710)*

**(It-testi biċ-Ċek, l-Estonjan, l-Ingliż, il-Latvjan, il-Litwan, l-Ungeriż, il-Pollakk, is-Slovakk u s-Sloven biss huma awtentiċi)**

(2008/395/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30 u 39 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Fuq il-bażi tal-kontijiet annwali mressqa mir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Ungerija fir-rigward ta' l-infiq fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali, akkompanjati mill-informazzjoni meħtieġa, il-kontijiet ta' l-aġenziji tal-ħlas imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 għandhom jiġu approvati. L-approvazzjoni tkopri il-kompletezza, ir-reqqa u l-veraċità tal-kontijiet mibgħuta fid-dawl tar-rapporti stabbiliti mill-entitajiet ta' ċertifikazzjoni.

(2) Il-limiti ta' żmien konċessi lir-Repubblika Ċeka, lill-Estonja, lil Ċipru, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Ungerija, lil Malta, lill-Polonja, lis-Slovenja u s-Slovakkja , għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 ([2]) li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-proċedura għall-approvazzjoni tal-kontijiet ta' l-FAEG għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 8(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006, għalqu.

(3) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni mressqa u kkomunikata lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja s-sejbiet tagħha qabel il-31 ta' Marzu 2008, flimkien ma' l-emendi meħtieġa.

(4) Għall-infiq fuq l-iżvilupp rurali, kopert mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati tranżitorji għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 fir-rigward ta' l-iffinanzjar mill-FAEGG tal-miżuri ta' żvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ([3]), ir-riżultat tad-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni għandu jitnaqqas minn, jew jiżdied ma', ħlasijiet sussegwenti magħmula mill-Kummissjoni.

(5) Fid-dawl tal-verifiki magħmula, il-kontijiet annwali u d-dokumenti meħmuża jippermettu lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni, għal ċertu aġenziji tal-ħlas, dwar il-kompletezza, ir-reqqa u l-veraċità tal-kontijiet mibgħuta. Id-dettalji ta' dawn l-ammonti ġew deskritti fir-Rapport fil-Qosor ippreżentat lill-Kumitat tal-Fond flimkien ma' din id-Deċiżjoni.

(6) Fid-dawl tal-verifiki li saru, it-tagħrif mibgħut minn ċerti aġenziji tal-ħlas jeħtieġ aktar inkjesti u għalhekk il-kontijiet tagħhom ma jistgħux jiġu approvati f'din id-Deċiżjoni.

(7) Għall-infiq fuq l-iżvilupp rurali kopert bir-Regolament (KE) Nru 27/2004, l-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati jew li għandhom jitħallsu skond id-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet, għandhom jitnaqqsu minn jew jiżdiedu ma' ħlasijiet sussegwenti.

(8) Skond l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-finanzjament tal-Komunità nefqa li ma tiġix effettwata skond ir-regoli Komunitarji,

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p.1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1437/2007 (ĠU L 322, 7.12.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1233/2007 (ĠU L 279, 23.10.2007, p. 10).

([3]) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 36.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Bla ħsara għall-Artikolu 2, il-kontijiet ta’ l-aġenziji tal-ħlas ta’ l-Istati Membri li jikkonċernaw infiq fil-qasam ta’ l-iżvilupp rurali ffinanzjat mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) għas-sena finanzjarja 2007, huma approvati permezz ta’ din id-deċiżjoni.

L-ammonti li jistgħu jiġu rkuprati minn, jew li għandhom jitħallsu lil, kull Stat Membri skond din id-Deċiżjoni fil-qasam ta’ miżuri ta’ żvilupp rurali applikabbli fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja huma stipulati fl-Anness I u l-Anness II.

*Artikolu 2*

Għas-sena finanzjarja 2007, il-kontijiet ta’ l-aġenziji tal-ħlas ta’ l-Istati Membri fil-qasam ta’ l-żvilupp rurali applikabbli fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, stipulati fl-Anness III, huma mifruda minn din id-Deċiżjoni u għandhom ikunu soġġetti għal Deċiżjoni dwar l-approvazzjoni fil-ġejjieni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika ta’ l-Estonja, lir-Repubblika ta’ Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lir-Repubblika ta’ l-Ungerija, lir-Repubblika ta’ Malta, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka

Magħmula fi Brussell, 30 ta’ April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TA' L-AĠENZIJI TAL-ĦLAS**

**Sena finanzjarja 2007 – nefqa għall-Iżvilupp Rurali EAGF fl-Istati Membri Ġodda**

**Ammont li għandu jiġi rkuprat mill-Istat Membru jew imħallas lill-Istat Membru**

| MS | | 2007 – Nefqa ta' l-Aġenziji tal-Ħlas li għaliha l-kontijiet huma | | Total a + b | Tnaqqis | Total | It-total tal-Pagamenti Temporanji li ġew imħallsin lura lill-Istati Membri għas-sena finanzjarja | Ammont li għandu jiġi rkuprat (–) mill-Istat Membru jew imħallas (+) lill-Istat Membru (*) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | approvati | mhux approvati | | | | | |
| | | = nefqa ddikjarata fid-dikjarazzjoni annwali | = it-total tal-Pagamenti Temporanji li ġew imħallsin lura lill-Istati Membri għas-sena finanzjarja | | | | | |
| | | a | b | ċ = a + b | d | e = ċ + d | f | g = e – f |
| CY | EUR | 17 817 990,09 | | 17 817 990,09 | 0,00 | 17 817 990,09 | 17 817 394,00 | 596,09 |
| CZ | EUR | 188 407 840,07 | | 188 407 840,07 | 0,00 | 188 407 840,07 | 107 317 031,00 | 81 090 809,07 |
| EE | EUR | 0,00 | 36 236 291,00 | 36 236 291,00 | 0,00 | 36 236 291,00 | 36 236 291,00 | 0,00 |
| HU | EUR | 178 498 827,76 | | 178 498 827,76 | 0,00 | 178 498 827,76 | 142 520 308,00 | 35 978 519,76 |
| LT | EUR | 156 247 750,70 | | 156 247 750,70 | 0,00 | 156 247 750,70 | 137 893 174,00 | 18 354 576,70 |
| LV | EUR | 110 967 368,28 | | 110 967 368,28 | 0,00 | 110 967 368,28 | 92 775 801,00 | 18 191 567,28 |
| MT | EUR | 0,00 | 4 148 025,00 | 4 148 025,00 | 0,00 | 4 148 025,00 | 4 148 025,00 | 0,00 |
| PL | EUR | 1 085 818 964,54 | | 1 085 818 964,54 | 0,00 | 1 085 818 964,54 | 624 783 864,00 | 461 035 100,54 |
| SI | EUR | 88 853 612,73 | | 88 853 612,73 | 0,00 | 88 853 612,73 | 29 882 274,00 | 58 971 338,73 |
| SK | EUR | 144 596 146,16 | | 144 596 146,16 | 0,00 | 144 596 146,16 | 105 327 185,00 | 39 268 961,16 |

(*) hekk kif il-pagamenti jkunu laħqu 95 % tal-pjan finanzjarju, il-bilanċ fir-rigward ta' CZ, HU, LT, LV, PL, SI, u SK se jitħallas matul l-għeluq tal-programm.

| MS | Pagamenti bil-quddiem li jkunu tħallsu iżda għad iridu jiġu approvati għall-implimentazzjoni tal-programm [Artikolu 32 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999]. | |
|---|---|---|
| CZ | EUR | 86 848 000,00 |
| CY | EUR | 11 968 000,00 |
| EE | EUR | 24 080 000,00 |
| HU | EUR | 96 368 000,00 |
| LT | EUR | 78 320 000,00 |
| LV | EUR | 52 496 000,00 |
| MT | EUR | 4 304 000,00 |
| PL | EUR | 458 624 000,00 |
| SI | EUR | 45 056 000,00 |
| SK | EUR | 63 536 000,00 |

*ANNESS II*

## IN-NEFQA APPROVATA MILL-MIŻURA GĦALL-IŻVILUPP RURALI EAGF GĦALL-EŻERĊIZJU 2007 FL-ISTATI MEMBRI ĠODDA

### Differenzi bejn il-kontijiet annwali u d-dikjarazzjonijiet tan-nefqa

ĊIPRU

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Appoġġ għall-investimenti dwar il-ġestjoni ta' l-iskart ta' l-annimali | 3 225 390,38 | | 3 225 390,38 |
| 2 | Inkoraġġament tat-titjib u ta' l-iżvilupp | 2 413 832,05 | | 2 413 832,05 |
| 3 | I-inkoraġġament tat-twaqqif ta' gruppi li jipproduċu | 0,00 | | 0,00 |
| 4 | Promozzjoni tat-taħriġ għall-bdiewa | 0,00 | | 0,00 |
| 5 | Servizz tekniku u ta' konsultazzjoni għall-bdiewa | 0,00 | | 0,00 |
| 6 | Irtirar kmieni | 476 161,06 | | 476 161,06 |
| 7 | Appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa li għadhom zgħar | 0,00 | | 0,00 |
| 8 | L-ikkonformar ma' l-istandards ta' l-EU | 1 327 209,76 | | 1 327 209,76 |
| 9 | Adozzjoni ta' miżuri agri-ambjentali | 5 598 846,60 | | 5 598 846,60 |
| 10 | Azzjonijiet għall-protezzjoni tal-valur naturali agri-ambjentali | 1 385 404,31 | | 1 385 404,31 |
| 11 | Tisġir | 80 294,63 | | 80 294,63 |
| 12 | It-titjib ta' infrastruttura għall-iżvilupp tal-bhejjem | 600 274,13 | | 600 274,13 |
| 13 | Żoni Inqas Vantaġġati | 1 298 319,91 | | 1 298 319,91 |
| 14 | Appoġġ għall-iskemi ta' kwalitá | 0,00 | | 0,00 |
| 15 | Appoġġ għall-ipproċessar tradizzjonali fuq livell zgħir | 211 518,23 | | 211 518,23 |
| 16 | Protezzjoni ta' paeżaġġi tradizzjonali u agrikoli | 504 899,70 | | 504 899,70 |
| 17 | Protezzjoni minn nirien fil-foresti u diżastri naturali oħra | 293 655,31 | | 293 655,31 |
| 18 | Tisġir ta' art mhux agrikolu | 314 776,22 | | 314 776,22 |
| 19 | Titjib tal-proċess tal-ħsad | 79 455,98 | | 79 455,98 |
| 20 | Appoġġ tekniku ta' l-implimentazzjoni, is-sorveljar | 0,00 | | 0,00 |
| 21 | Appoġġ tekniku ta' inizjattivi kollettivi fuq-livell lokali | 7 951,82 | | 7 951,82 |
| | Total | 17 817 990,09 | 0,00 | 17 817 990,09 |

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Irtirar kmieni | 1 590 493,75 | | 1 590 493,75 |
| 2 | Żoni Inqas Vantaġġati | 81 005 360,10 | | 81 005 360,10 |
| 3 | Agri-ambjentali | 102 916 341,29 | | 102 916 341,29 |
| 4 | Tisġir | 2 687 988,90 | | 2 687 988,90 |
| 5 | Gruppi ta' produtturi | 207 656,03 | | 207 656,03 |
| 6 | Assistenza teknika | 0,00 | | 0,00 |

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 7 | Sapard | 0,00 | | 0,00 |
| 700 | Investimenti f'art agrikolu, R. 1268/99 | 0,00 | | 0,00 |
| 701 | Processar u kummerċjalizazzjoni R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 702 | Ħsara mill-għargħar | 0,00 | | 0,00 |
| 703 | It-titjib ta' strutturi għall-kwalitá | 0,00 | | 0,00 |
| 704 | It-titjib u t-tqassim ta' l-art mill-ġdid | 0,00 | | 0,00 |
| 705 | Ir-renovazzjoni u ż-żvilupp ta' villaġġi | 0,00 | | 0,00 |
| 706 | Ħsara mill-għargħar 2 | 0,00 | | 0,00 |
| 707 | L-iżvilupp ta' infrastruttura rurali | 0,00 | | 0,00 |
| 708 | L-iżvilupp u d-diversifikazzjoni ta' attivitajiet | 0,00 | | 0,00 |
| 709 | Metodi ta' produzzjoni agrikoli għall-protezzjoni | 0,00 | | 0,00 |
| 710 | It-titjib ta' taħriġ vokazzjonali | 0,00 | | 0,00 |
| 711 | Assistenza teknika SAPARD | 0,00 | | 0,00 |
| | Total | 188 407 840,07 | 0,00 | 188 407 840,07 |

L-UNGERIJA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Agri-ambjentali | 73 486 969,91 | | 73 486 969,91 |
| 2 | Ilħuq ta' standards | 4 105 536,55 | | 4 105 536,55 |
| 3 | Tisġir | 22 816 432,69 | | 22 816 432,69 |
| 4 | Appoġġ għall-ażjendi agrikoli semi-sostanzjali | 685 771,04 | | 685 771,04 |
| 5 | Gruppi ta' produtturi | 15 660 337,14 | | 15 660 337,14 |
| 6 | Irtirar kmieni | 0,00 | | 0,00 |
| 7 | Żoni Inqas Vantaġġati | 5 445 831,94 | | 5 445 831,94 |
| 8 | Assistenza Teknika | 12 481 066,90 | | 12 481 066,90 |
| 9 | Proġetti approvati taħt Regolament (KE) Nru 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 10 | Pagamenti kumplementari nazzjonali diretti | 43 816 881,59 | | 43 816 881,59 |
| | Total | 178 498 827,76 | 0,00 | 178 498 827,76 |

IL-LITWANJA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Agri-ambjentali | 22 285 402,90 | | 22 285 402,90 |
| 2 | Żoni Inqas Vantaġġati u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali | 49 265 832,76 | | 49 265 832,76 |
| 3 | Ilħuq ta' standards | 27 087 408,61 | | 27 087 408,61 |

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna “a” | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna “d” | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna “e” |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 4 | Tisġir ta’ art agrikolu | 2 282 657,14 | | 2 282 657,14 |
| 5 | Irtirar kmieni | 25 344 412,08 | | 25 344 412,08 |
| 6 | Appoġġ għall-ażjendi agrikoli semi-sostanzjali minn ristrutturar | 1 957 236,61 | | 1 957 236,61 |
| 7 | Miżuri oħra | 261 299,00 | | 261 299,00 |
| 8 | Assistenza Teknika | 1 608 513,64 | | 1 608 513,64 |
| 9 | Pagamenti kumplementari nazzjonali diretti | 26 154 987,96 | | 26 154 987,96 |
| | Total | 156 247 750,70 | 0,00 | 156 247 750,70 |

IL-LATVJA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna “a” | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna “d” | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna “e” |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Irtirar kmieni | 1 969 847,34 | | 1 969 847,34 |
| 2 | Gruppi ta’ produtturi | 0,00 | | 0,00 |
| 3 | Appoġġ għall-ażjendi agrikoli semi-sostanzjali | 11 380 749,30 | | 11 380 749,30 |
| 4 | Ilħuq ta’ standards | 18 477 804,02 | | 18 477 804,02 |
| 5 | Agri-ambjentali | 28 455 604,50 | | 28 455 604,50 |
| 6 | Żoni Inqas Vantaġġati | 44 469 295,01 | | 44 469 295,01 |
| 7 | Assistenza teknika | 687 059,69 | | 687 059,69 |
| 8 | Obbligazzjonijiet trasferiti mill-perjodu ta’ l-ipprogrammar ta’ qabel | 5 527 008,42 | | 5 527 008,42 |
| 9 | Allokazzjoniet ta’ riżorsi għall-ħlasijiet dwar żona singolari | 0,00 | | 0,00 |
| | Total | 110 967 368,28 | 0,00 | 110 967 368,28 |

IL-POLONJA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna “a” | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna “d” | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna “e” |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Irtirar kmieni | 208 211 570,06 | | 208 211 570,06 |
| 2 | Appoġġ għall-ażjendi agrikoli semi-sostanzjali | 153 848 603,49 | | 153 848 603,49 |
| 3 | Gruppi ta’ produtturi | 2 217 071,84 | | 2 217 071,84 |
| 4 | Żoni Inqas Vantaġġati | 268 656 270,64 | | 268 656 270,64 |
| 5 | Impriżi agri-ambjentali u l-benesseri ta’ l-annimali | 99 644 744,58 | | 99 644 744,58 |
| 6 | Tisġir | 34 137 537,58 | | 34 137 537,58 |
| 7 | L-ikkonformar ma’ l-istandards ta’ l-EU | 162 483 934,83 | | 162 483 934,83 |
| 8 | Assistenza teknika | 1 179 654,66 | | 1 179 654,66 |
| 9 | Komplementi għall-pagamenti diretti | 155 386 446,75 | | 155 386 446,75 |
| 10 | Progetti approvati taħt Reg. (KE) Nru 1268/1999 | 53 130,11 | | 53 130,11 |
| | Total | 1 085 818 964,54 | 0,00 | 1 085 818 964,54 |

IS-SLOVENJA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Żoni Inqas Vantaġġati | 35 507 061,93 | | 35 507 061,93 |
| 2 | Agri-ambjentali | 36 570 020,31 | | 36 570 020,31 |
| 3 | Irtirar kmieni | 2 157 975,90 | | 2 157 975,90 |
| 4 | Ilħuq ta' standards | 11 469 182,41 | | 11 469 182,41 |
| 5 | Assistenza teknika | 622 994,02 | | 622 994,02 |
| 6 | Il-programm SAPARD | 341 673,22 | | 341 673,22 |
| 7 | Komplementi għall-pagamenti diretti | 2 184 704,95 | | 2 184 704,95 |
| | Total | 88 853 612,73 | 0,00 | 88 853 612,73 |

IS-SLOVAKKJA

| Nru | Il-miżura | Nefqa 2007<br>Anness I kolonna "a" | Riduzzjonijiet<br>Anness I kolonna "d" | Ammont approvat għall-2007<br>Anness I kolonna "e" |
|---|---|---|---|---|
| | | i | ii | iii = i + ii |
| 1 | Investimenti f'art agrikolu | 2 371 921,16 | | 2 371 921,16 |
| 2 | Taħriġ | 0,00 | | 0,00 |
| 3 | Żoni inqas vantaggati u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali | 69 206 792,25 | | 69 206 792,25 |
| 4 | Ilħuq ta' standards | 2 926 865,23 | | 2 926 865,23 |
| 5 | Appoġġ agri-ambjentali | 47 813 409,02 | | 47 813 409,02 |
| 6 | Titjib fl-ipproċessar u l-kummerċjalizazzjoni ta' prodotti agrikoli | 355 963,87 | | 355 963,87 |
| 7 | Il-ġestjoni tal-foresti | 1 109,96 | | 1 109,96 |
| 8 | Tisġir ta' art agrikolu | 96 237,08 | | 96 237,08 |
| 9 | Konsolidazzjoni ta' l-art | 316 125,54 | | 316 125,54 |
| 10 | Diversifikazzjoni ta' attivitajiet agrikoli | 9 505,89 | | 9 505,89 |
| 11 | Appoġġ għall-ażjendi agrikoli semi-sostanzjali | 445 878,45 | | 445 878,45 |
| 12 | Gruppi ta' produtturi | 2 305 705,75 | | 2 305 705,75 |
| 13 | Assistenza teknika li tinkludi evalwazzjoni | 3 586 575,26 | | 3 586 575,26 |
| 14 | Komplementi għall-pagamenti diretti | 14 365 364,23 | | 14 365 364,23 |
| 901 | Investimenti f'art agrikola, R. 1268/1999 | 131 805,70 | | 131 805,70 |
| 905 | Appoġġ agri-ambjentali - proġetti approvati R. 1268/1999 | 582 024,62 | | 582 024,62 |
| 907 | Il-ġestjoni tal-foresti- il-proġetti approvati taħt R. 1268/1999 | 0,00 | | 0,00 |
| 912 | Gruppi ta' produtturi - il-proġetti approvati taħt R. 1268/1999 | 80 862,15 | | 80 862,15 |
| | Total | 144 596 146,16 | 0,00 | 144 596 146,16 |

*ANNESS III*

**APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TA' L-AĠENZIJI TAL-ĦLAS**

**Sena finanzjarja 2007 - nefqa għall-Iżvilupp Rurali EAGF fl-Istati Membri Ġodda**

**Lista ta' Agenziji tal-Ħlas li għalihom il-kontijiet għadhom ma ġewx approvati u huma soġġetti għal deċiżjoni ta' approvazzjoni iżjed tard**

| Stat Membru | Aġenzija tal-hlas |
|---|---|
| Estonja | PRIA |
| Malta | MRAE |